# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 10.2

**Kap 10: Infaħħru 'l Alla f'Talbna**

**Lezzjoni 10.2: Għaliex Nitlob?**

**L-Għanijiet:**



**F'din il-lezzjoni l-istudenti:**

1. Jaħsbu u jiddiskutu għalfejn in-nies jitolbu.
2. Jaħsbu għalfen in-nies ma jitolbux.
3. Jaraw kif huma jistgħu jegħlbu d-diffikultajiet li jsibu biex jitolbu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Karta ta' taħriġ 10.1.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tibni diskussjoni qasira mal-istudenti permezz ta' dawn il-mistoqsijiet jew oħrajn simili:



  - X'tifhmu bil-kelma "titlob"?
  - Min kienu n-nies li għallmukom titolbu?
  - Liema huma t-talbiet li tgħidu l-aktar ta' spiss?
  - F'liema postijiet l-aktar li ssibu ħin biex titolbu?

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Spjega:



  *Fil-lezzjoni tal-lum ser naraw ftit x' inhuma r-raġunijiet għalfejn in-nies (u aħna magħhom) iħossu l-bżonn li nitolbu. Se naraw ukoll x'inhuma dawk ir-raġunijiet li minħabba fihom in-nies (u forsi wkoll aħna) ma jitolbux.*

- Stieden lill-istudenti sabiex jiftħu l-ktieb tal-attivitajiet tagħhom u jsibu l-worksheet 10.1 għal din il-lezzjoni.
- Qassam l-istudenti fi gruppi sabiex jaħdmu l-ewwel attività. F'din l-attività l-istudenti jridu jiddiskutu bejniethom sabiex jaraw x'inhuma r-raġunijiet li minħabba fihom in-nies iħossu l-bżonn li jitolbu u dawk ir-raġunijiet li minħabba fihom in-nies ma jitolbux.
- Hawnhekk se nagħtu ftit eżempji, għalkemm l-istudenti jistgħu joħorġu b'ideat oħra li jagħmlu sens:

- Meta l-istudenti jkunu lesti stieden lil membru minn kull grupp sabiex jaqsam mal-oħrajn dak li jkun intqal. Tista' wkoll tibni diskussjoni qasira b'dak li jkunu qalu l-istudenti.

| *Għalfejn in-nies jitolbu* | *Għalfejn in-nies ma jitolbux* |
|---|---|
| Ikunu għaddejjin minn xi problema; | Jaħsbu li Alla ma jismagħhomx; |
| Iħossu l-bżonn li jitkellmu m'Alla; | Ma jafux kif jitolbu; |
| Jitolbu bħala drawwa eż. jgħidu r-rużarju filgħaxija jew imorru l-quddies il-Ħadd għax hekk imdorrijin; | Ma jsibux ħin biex jitolbu għax jgħidu li jkollhom ħafna x'jagħmlu; |
| Iħossu li mingħajr it-talb ma jkunux qegħdin jgħixu ħajja Nisranija tajba. | Jaħsbu li mhemmx għalfejn jitolbu għax Alla diġa' jkun jaf x'għandhom bżonn. |

- Fi gruppi l-istudenti jiddiskutu t-tieni Attività. Huma jridu jwieġbu l-mistoqsijiet mogħtija. Xi risposti jistgħu jkunu: a) fil-kwiet qed jaħsbu f'Alla u b'xi mod jgħaddulu l-messaġġ tagħhom – kapaċi jitkellmu m'Alla .c) il-mod ta' kif għandna nġibu ruħna – kif għandna noqogħdu.

- Oħloq diskussjoni fejn l-istudenti jaħsbu f'soluzzjonijiet biex jingħelbu d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom meta niġu biex nitolbu.

- Hawnhekk se nagħtu xi eżempji għalkemm l-istudenti jistgħu joħorġu b'ideat oħra li jagħmlu sens:

  - Iqassmu l-ħin tal-ġurnata aħjar biex isibu ħin ħalli jitolbu;
  - Jitkellmu ma' saċerdot li jista' jgħinhom kif jitolbu;
  - Jissieħbu ma' xi grupp ta' talb.

- Aqra attività C u fakkar li mhux kulma nitlob bilfors naqilgħu. Għandi nemmen li Alla li hu Missier ħanin kapaċi jagħtina dak kollu li jkun ta' ġid għalija u għall-oħrajn. U mhux kulma nitlob jien ikun ta' ġid. Jien nitlob għax inħobb lil Alla u nixtieq naqsam miegħu dak li nkun għaddejja minnu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna wkoll, bħala Nsara, inħossu l-bżonn li nżommu kuntatt m'Alla.
2. Imma jiġri li xi kultant niltaqgħu ma' nies li jgħidu li m'għadhomx jitolbu għal diversi raġunijiet. Jista' jkun ukoll li xi drabi aħna stess ma nħossux il-bżonn li nitolbu.
3. L-importanti hu li nindunaw x'inhuma dawk l-affarijiet li qed itellfuna milli nqattgħu ftit ħin mal-Mulej sabiex nippruvaw nirbħu dawn id-diffikultajiet. B'hekk inkunu nistgħu nħallu lil Alla jkun parti importanti mill-ħajja tagħna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Jiena għandi nħoss il-bżonn li nitkellem m'Alla kuljum u ta' spiss u mhux meta jkolli bżonn biss. Jekk qed insib xi diffikultajiet biex nagħmel dan għandi naħseb ftit kif nista' nqassam il-ħin aħjar ħalli jkolli ċans inqatta' ftit ħin mal-Mulej.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Bħala talba tal-għeluq illum nistgħu inħallu lill-istudenti jaħsbu f'diffikultà li huma jsibu biex jitolbu u jagħmlu talba lil Alla sabiex jgħinhom jirbħu dik id-diffikultà. Jekk ikunu jixtiequ, jistgħu jaqsmu t-talba tagħhom mal-kumplament tal-klassi.

